

# IL-ĦTIEĠA U L-IMPORTANZA TAR-RELIĠJON

# IL-ĦTIEĠA U L-IMPORTANZA TAR-RELIĠJON

Ħażrat Maulana Ghulam Rasul Rajeki[ra]

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**

# The Need for Religion and its Importance
# In Maltese Language

© Islam International Publications Ltd

Tradott għall-Malti u ppubblikat f'Malta (2019)

Pubblikazzjoni ta'

**AHMADIYYA MUSLIM JAMAAT MALTA**
**Tel**: +356-27342401 - **Mob:** +356-79320139
**Email: amjmalta@gmail.com**

**www.ahmadiyya.mt**

ISBN: 978-99957-59-32-2

Il-Qoxra: Nataliia Budianska | Shutterstock

# Introduzzjoni

Ħażrat Maulana Ghulam Rasul Rajeki[ra] (1879-1963) kien Kumpann tal-Messija Mwiegħed[as] u skular istruwit tal-Komunità Ahmadiyya Musulmana. Huwa kiseb il-Bait – l-inizjazzjoni – minn idejn il-Messija Mwiegħed[as] fl-1899.

Kien oratur brillanti u predikatur żelanti; ix-xogħol missjunarju tiegħu ħadu f'kull rokna tas-subkontinent Indjan.

Huwa kkompona poeżiji bl-Urdu, bil-Punġabi, bl-Għarbi u bil-Persjan u kiteb l-awtobijografija li ispirat lil kulħadd, *Hayat-e-Qudsi* (li tfisser Ħajja Qaddisa).

Il-moskea ta' Rajeki f'Rabwah, il-Pakistan, hija msemmija għalih.

Din li ġejja hija kitba tradotta minn artiklu intitolat *Erba' Mistoqsijiet Importanti dwar ir-Reliġjon u t-Tweġibiet Għalihom*.

**Imam Laiq Ahmed Atif**
President Ahmadiyya Muslim Jamaat Malta

بسم الله الرحمن الرحيم

F'Isem Alla, Mimli Grazzji, Dejjem Ħanin

# IL-ĦTIEĠA U L-IMPORTANZA TAR-RELIĠJON

Ir-reliġjon hija l-mogħdija li twassal lill-bnedmin għall-aħħar destinazzjoni tagħhom. Il-loġika titlob li, ikun xi jkun l-għan tal-persuna fil-ħajja, irid ikun hemm mezz ta' kif wieħed jilħaq dak il-għan. Il-bniedem jiddependi minn ħafna affarijiet għall-manteniment u l-preservazzjoni tal-ħajja tiegħu. Il-ġisem u l-partijiet kollha tiegħu u r-ruħ bil-qawwiet u s-sensittivitajiet kollha tagħha ma ġewx maħluqin mill-bnedmin. Bl-istess mod, dawk l-affarijiet li huma essenzjali għall-preservazzjoni u l-manteniment tal-ħajja la ġew maħluqa u lanqas mixtrija mill-bniedem għax bdew jeżistu ħafna qabel ma twieled hu.

Osservazzjoni bir-reqqa turi li hemm rabta profonda u qawwija bejn il-ħiliet tal-bniedem u s-sistema tal-univers. Pereżempju, l-għajn hija konnessa max-xemx, il-widna

mal-atmosfera. Mingħajr dawl l-għajn ma tarax. Il-ħoss irid jimxi fl-arja biex jasal fil-widna. L-ossiġnu huwa essenzjali għall-funzjonijiet kollha tal-ġisem.

Sistema daqshekk unita u perfetta li teħtieġ l-għarfien u l-awtorità assoluta turi l-bżonn ta' Esseri li jħaddan għarfien sħiħ u poter assolut u li l-glorja Tiegħu hija unika u li m'hawnx aqwa minnha.

Il-bniedem ma twilidx għax ried hu jew bl-amar tiegħu stess. Għalhekk, huwa m'għandux dritt li jiddetermina l-għan ta' ħajtu. Dak id-dritt jinsab f'idejn il-Ħallieq. Wieħed mir-rigali bla għadd li tah il-Ħallieq kien li qiegħed għas-servizz tiegħu kull farka tal-univers. Dan juri li l-Ħallieq tal-bniedem tassew huwa benefattur kbir. Għaldaqshekk tiġi naturali li l-qalb ta' xi ħadd tinġibed lejn il-benefattur ta' dak li jkun. Li tirrispetta u tħobb lill-Benefattur hija d-din naturali.

Il-bniedem huwa mżejjen b'kapaċità kbira li jikseb l-għarfien u l-għerf. Għall-iżvilupp fiżiku u t-trobbija huwa jiddependi fuq il-ġenituri tiegħu u fuq fatturi oħra. Biex jikseb għarfien tad-dinja – tista' tkun il-mediċina jew il-filosofija, il-botanika jew l-istorja – għandu bżonn gwida u tagħlim. B'mod immaġinabbli jista' jeduka lilu nnifsu mingħajr l-għajnuna tal-għalliema, iżda dan hu verament diffiċli. U anki kieku, xorta jkollu bżonn lil xi ħadd li jgħallmu lingwa. Għalhekk mill-anqas għandu bżonn lil xi ħadd li jgħallmu l-prinċipji bażiċi ta' lingwa. Għaldaqstant

huwa possibbli li jgħaddi mingħajr gwida spiritwali meta niġu għal affarijiet spiritwali u tar-ruħ?

Il-moħħ, bħall-għajn, huwa bla dubju bżonjuż immens. Iżda fid-dlam l-għajn ma tara xejn. Mingħajr sors estern ta' dawl, l-ebda għajn m'għandha l-forza tal-vista. Fid-dlam qisha l-għajn ta' bniedem agħmi. Bl-istess mod jaħdem il-moħħ. Mingħajr l-għarfien reliġjuż u spiritwali mnebbaħ minn rivelazzjoni divina u li jħaddan fih gradi differenti ta' dawl, ma jistax jilħaq l-għarfien vera. Jekk il-moħħ jitqabbel mal-għajn, id-dawl divin u r-reliġjon jistgħu jiġu mqabbla ma' lenti ta' teleskopju. Bl-użu ta' mikroskopji u teleskopji, il-bniedem jista' jifli oġġetti żgħar ħafna u li jkunu mbiegħda sew. Dawn l-affarijiet ma jistax jarahom b'għajnejh biss. Hekk ukoll huwa l-każ tad-dawl tal-profetiżmu. L-intuwizzjoni li jiksbu l-Profeti u l-Messaġġiera permezz tad-dawl ta' viżjonijiet divini ma tistax tinkiseb minn bnedmin oħra li xorta jkunu istruwiti. U lanqas, jekk jaslu sal-verità, ma jistgħu jilħqu l-istadju ta' ċertezza assoluta; din tinkiseb biss bis-saħħa tad-dawl tal-profetiżmu.

Il-Messaġġiera u l-Profeti ta' Alla ntbagħtu, u għadhom qed jintbagħtu, f'epoki differenti, f'pajjiżi differenti, u nazzjonijiet varji. Kull wieħed minnhom ġie armat b'ħafna argumenti loġiċi. Il-Profeti dejjem saħqu li Alla biss għandu jiġi meqjum u l-idoli foloz jiġu mwarrba. Kollha ġew jgħallmu dwar l-Unità ta' Alla. Kull wieħed minnhom

wassal il-messaġġ f'pajjiżu li, 'M'hemm l-ebda alla ħlief Alla'. Iżda kull meta l-moħħ uman iddevja l-verità, il-messaġġ tal-Unità ta' Alla tħassar. Xi wħud bdew jaduraw lil żewġ allat – Ahriman u Yazdan. Oħrajn addottaw l-ideoloġija falza tat-trinità u spiċċaw missu l-qiegħ tal-għajb. Xi nazzjonijiet bdew jaduraw l-elementi, oħrajn il-korpi ċelestjali jew l-oġġetti materjali. M'hemmx żewġ nazzjonijiet li jaduraw l-idoli li jaqsmu l-istess ideali. Dawn il-qasmiet oriġinaw il-għaliex il-moħħ uman tqies bħala l-gwida. Huwa t-tagħlim tal-Profeti li jressaq lid-dinja flimkien taħt il-prinċipju tal-Unità ta' Alla.

Il-liġijiet maħluqin mill-moħħ uman huma 'l bogħod mill-perfezzjoni. Għaldaqstant in-nazzjonijiet ta' din id-dinja jridu jgħixu bil-konsegwenzi ta' dawn il-liġijiet difettużi. Dawn il-liġijiet għandhom bżonn jiġu mmodifikati regolarment. Dak li jeħtieġ il-bniedem hija kodiċi legali komprensiva li tolqot il-bżonnijiet tal-bnedmin kollha u li tkun ħielsa mill-ideat magħluqa u li ma jħarsux fil-bogħod. Il-liġijiet magħmulin mill-bniedem ma żammewhx milli jwettaq il-ħażen u affarijiet oħra immorali. Iżda l-liġijiet spiritwali rnexxielhom b'suċċess kbir iżommu lill-bniedem 'il bogħod milli jwettaq atti ħżiena. Dan juri l-ħtieġa ta' reliġjon.

It-tweġibiet għal xi mistoqsijiet li ġeneralment isiru dwar ir-reliġjon jinsabu hawn:

**L-EWWEL MISTOQSIJA**:

Ir-reliġjon tagħmel lill-moħħ nieqes mill-immaġinazzjoni?

## TWEĠIBA:

Il-moħħ huwa bħall-għajn. Id-dawl itejjeb il-vista? It-teleskopji u l-mikroskopji jtejbu l-vista jew jagħmluha agħar? Bħalma l-mikroskopji u t-teleskopji u s-sorsi esterni ta' dawl jgħinuna biex naraw l-affarijiet b'mod aktar ċar, hekk ukoll ir-reliġjon u r-rivelazzjoni huma bżonjużi għall-moħħ.

Il-profeziji li saru mill-Profeta[sa] tal-Iżlam għadhom qed iseħħu sal-ġurnata tal-lum. Kontra kull mistenni, avvenimenti li tħabbru mill-Profeta[sa] seħħew tassew, sal-inqas kelma u sal-inqas ittra. Il-moħħ uman qatt ma seta' jikkonċepixxi dawn l-affarijiet. Dan juri li r-rivelazzjoni divina tattiva l-moħħ. Il-ħsieb u r-raġunar uman huwa limitat għall-evidenza u għall-esperimentazzjoni. Id-dawl tar-rivelazzjoni tar-reliġjon vera jisboq il-liġijiet tan-natura; is-sors tar-rivelazzjoni huma l-għarfien u l-kelma ta' dak Alla li Jaf Kollox.

Qabel il-miġja ta' profeta, in-nies ikollhom tendenza li jkunu fi stat ta' dekadenza u konfużjoni. L-għaqda u l-ftehim u l-mogħdrija ġenwina li jinbtu f'komunità

permezz tal-profeta ma ssibhom imkien. L-għaqda ma titwilidx minn skemi u pjanijiet umani. Titnissel biss permezz ta' tagħlim reliġjuż u gwida spiritwali. Il-profeti kollha sabu oppożizzjoni ħarxa minn forzi b'saħħithom ħafna u madanakollu xorta rnexxielhom joħolqu komunità spiritwali f'din id-dinja. Il-profeta li jidher dgħajjef dejjem joħroġ rebbieħ fuq l-avversarji tiegħu. Huwa eventwalment jegħleb lil dawk li jiddependu fuq il-moħħ uman u l-iskemi li joħloq. Dan ma jurix allura li d-dawl tar-rivelazzjoni huwa ħafna aqwa mill-moħħ uman?

Meta l-Profeta Mosè[as] u l-profeta spiritwali tiegħu (jiġifieri l-Profeta[sa] tal-Iżlam) ġew f'din id-dinja kienu bla setgħa, ma jafux jiddefendu lilhom infushom u mingħajr riżorsi materjali. Huma ddikjaraw li huma l-Messaġġiera ta' Alla. Issa, meta wieħed juża l-loġika u r-raġunar tad-dinja biex jistudja l-avvenimenti ta' ħajjithom, wieħed qatt ma kien jasal biex jikkonkludi li dawn in-nies li dehru daqshekk dgħajfa u bla sorsi jirnexxilhom jistabbilixxu l-komunitajiet reliġjużi. Fuq naħa għandna l-avversarji tal-profeti, inġenjużi, setgħana, potenti, imponenti, bl-aktar armati u leġjuni li jnisslu biża' u jħallu impressjoni. Fuq in-naħa l-oħra għandna lill-Profeta Mosè[as]. Min kien se jemmen li Mosè[as] seta' jkun rebbieħ fuq il-Faragħuni u l-leġjuni tiegħu? Jew li l-profeta spiritwali ta' Mosè[as], jiġifieri l-Profeta[sa] tal-Arabja, seta' jkun tant b'saħħtu li jaħkem mhux biss l-Arabja kollha, iżda l-gvernijiet ta' Ċesri wkoll?

Dawn ir-rebħiet ma kinux biss koinċidenza. Waqt li kienu għadhom dgħajfa u bla riżorsi, il-profeti xandru l-Unità ta' Alla u ħabbru d-disfatta u l-qerda tal-għedewwa tagħhom. Għalhekk mhuwiex ovvju li t-tagħlim reliġjuż u d-dawl tar-rivelazzjoni huma bil-wisq superjuri għal kwalunkwe ħaġa li jista' jikkrea l-moħħ uman? Ir-reliġjon ma tmewwitx il-moħħ; aktarx hija tistimulah u ttejjiblu l-viżjoni u d-dixxerniment tiegħu.

Qabel il-miġja tal-Qaddis Profeta[sa], il-poplu Għarbi kien meqjus bħala barbaru u mhux aħjar mill-bhejjem. Imbagħad, wara l-miġja tal-Qaddis Profeta[sa], permezz tal-ubbidjenza tiegħu lejh u permezz tat-tagħlim tiegħu, qalbu u moħħu tant ġew illuminati li beda jiġi rikonoxxut bħala mgħallem f'kull tip ta' xjenza u arti.

Qabel ma ħaddan l-Iżlam, Ħażrat 'Umar[ra] kien ragħaj tal-iġmla. Wara li sar Musulman, il-ħiliet intellettwali u l-għerf tiegħu tant irfinaw li fil-ftit snin tal-Kilafat tiegħu l-proġetti politiċi meraviljużi tiegħu ttrasformaw lid-dinja. Is-sistema amministrattiva innovattiva tiegħu tat bidu għal dinja ġdida. Ix-xogħlijiet kbar u l-ippjanar eċċellenti tiegħu żiedu mal-glorja tal-Kilafat tiegħu. Is-sistemi politiċi avvanzati tal-Ewropa meqjusa bħala l-aktar superjuri ma jissellfux f'dawn iż-żminijiet ukoll l-ideat ta' Ħażrat 'Umar[ra]? L-ippjanar politiku u reliġjuż ta' Ħażrat 'Umar Farooq[ra] jagħmlu uniku għal żmienu. Ir-reliġjon dallmitlu lil moħħu jew żviluppatulu? Il-verità hija li r-reliġjon ma tagħmilx lill-moħħ magħluq, iżda pjuttost tistimulah.

**IT-TIENI MISTOQSIJA:**

Ir-reliġjon tikkawża l-gwerra u l-kunflitti?

## TWEĠIBA:

Il-paċi ma tinkisibx jekk wieħed ma jkunx fidil għat-tagħlim tar-reliġjon vera. Il-kotba tal-profeti, bħal pereżempju t-Torah jew il-Bibbja, dawn jiddefendu l-gwerra u l-kunflitti? Il-Bibbja terġa' tmur oltre minn hekk billi tħeġġeġ lis-segwaċi tagħha biex 'idawru wiċċhom in-naħa l-oħra'. U mbagħad hemm it-tagħlim sagru tal-Koran li l-ebda sistema kulturali jew politika ma tista' tikkompeti miegħu. Bħala eżempju, vers wieħed biss mill-Koran Imqaddes huwa kkwotat:

**Tassew, Alla jamar il-ġustizzja u l-għemil tat-tajjeb lill-oħrajn; il-karità lil kulħadd; u ma jippermettix l-indiċenza u l-ħażen u t-trasgressjoni.** (Kap.16: V.91)

Jekk it-twissijiet f'dan il-vers jingħataw widen, kull pajjiż u kull nazzjon ma jagħrfu xejn ħlief il-paċi. Alla jħeġġiġna biex:

- nirrispettaw il-ġustizzja;
- inwettqu l-ġid;

- nuru ħniena mal-oħrajn qishom il-familja tagħna;

- noqogħdu ’l bogħod, u nwissu lill-oħrajn biex joqogħdu ’l bogħod, mill-vizzji għax dawn jagħmlu ħafna ħsara u huma meqjusa bħala ħażen evidenti;

- ma neħduhiex kontra gvernijiet tajbin, li jwettqu l-ġid u jħobbu l-paċi, u nħeġġu lil oħrajn biex jagħmlu l-istess.

Fi kliem ieħor, irridu nkunu ġusti, inwettqu l-ġid u nuru ħniena; irridu nevitaw l-indiċenza, il-ħażen ovvju u t-trasgressjoni u rridu nsalvaw lil ħaddieħor milli jaqa’ vittma ta’ dawn il-vizzji. Dawn huma s-sitt kmandamenti bażiċi għat-twaqqif tal-paċi. Kieku għexieren u eluf ta’ nies istruwiti jkollhom jiddeliberaw ma’ xulxin u fl-aħħar mill-aħħar joħolqu xi liġijiet bl-għan li jistabbilixxu l-paċi, żgur li ma jkunux kapaċi jikkreaw xi ħaġa aħjar mit-tagħlim konċiż, sħiħ u komprensiv tal-Koran.

Il-kunflitti f’din id-dinja jinħolqu meta ma ssirx ġustizzja, meta tiċċaħħad il-benefiċenza ta’ xi benefattur, jew meta nfallu milli nuru ħniena ma’ ħaddieħor daqslikieku kien jiġi minna. Kieku dawn il-kontravenzjonijiet jitwaqqfu, żgur li jkollna l-paċi fid-dinja. Jista’ jingħad li l-kunflitti u d-diżordni fid-dinja jinħolqu biċ-ċħid tal-ġustizzja, jiġifieri bl-inġustizzja. Jew jinħolqu minħabba l-ingratitudni li biha jintlaqa’ l-benefattur, li hija l-oppost ta’ benevolenza. Jew jinħolqu bħala riżultat ta’ xi vjolenza kontra l-ġenituri jew xi gvern li jkun qed imexxi

tajjeb, li hija l-oppost ta’ *Ita‘i Dhil Qurba* jew kompassjoni umana. Jekk dawn il-fatturi negattivi jitneħħew mis-soċjetà l-paċi ċertament li tkun tista’ tiġi stabbilita.

Jekk inħarsu lejn l-istess vers minn angolu differenti, nistgħu ngħidu li l-indiċenza hija l-oppost tal-ġustizzja, il-ħażen huwa l-oppost tal-benevolenza, u t-trasgressjoni hija l-oppost tal-kompassjoni umana. Kull fejn u kull meta l-paċi ġiet tassew imwaqqfa kien bis-saħħa tal-Messaġġiera u l-Profeti ta’ Alla. F’liema stat sab in-nies tiegħu l-Profeta[sa] tal-Arabja? Kienu fi stat ta’ paċi jew ta’ diżordni? Imbagħad il-komunità li ħoloq il-Qaddis Profeta[sa] gawdiet l-ogħla livell ta’ paċi. Huwa l-kors li jieħu Alla li Huwa ma jikkastigax lin-nies ħlief wara l-miġja ta’ profeta; imbagħad Alla jeqred lil dawk li jaqilgħu l-inkwiet.

Il-popli ta’ Noè, Ħud, Saleh, Lot u Shuaib (jalla l-paċi tkun fuqhom kollha) u tal-Faragħuni ġew ikkastigati u meqruda għaliex opponew ’il-profeti u ppruvaw jeqirdu l-paċi b’kull mezz li kellhom. Saru slavaġ u għamlu minn kollox fl-isforzi tagħhom biex isiru Sidien l-Art. Għamlu l-almu tagħhom biex iġibu fix-xejn il-poplu ta’ Alla li kien devot u jgħożż il-paċi. Alla pprova jirriformahom permezz tal-profeti Tiegħu, iżda huma ma ridux jisimgħu u ma ridux itejbu l-imġiba tagħhom. Għalhekk Alla kkastigahom u qeridhom u stabbilixxa l-paċi fid-dinja.

Il-komunitajiet li aċċettaw u segwew il-profeti ta’ Alla dejjem kienu protetti minn dawk li jaqilgħu l-inkwiet kif

ukoll mill-korla ta' Alla. Il-kredenti fost il-poplu ta' Noè kienu siguri fl-Arka, fejn Alla kien qed jipproteġihom. Bl-istess mod is-segwaċi ta' Ħud[as], Saleh[as], u profeti oħra gawdew kull tip ta' sliem. Dan juri li huwa bis-saħħa tal-profeti, tar-reliġjon u tat-tagħlim reliġjuż li l-paċi u s-sigurtà jiġu stabbiliti f'din id-dinja – u mhux kunflitti u diżordni. Il-korla ta' Alla tintwera biss bħala riżultat ta' nuqqas ta' reliġjon.

Nistgħu naraw illum li l-atei u gruppi oħra warrbu r-reliġjon minn ħajjithom. Il-gwerer attwali allura mhumiex riżultat tal-iskemi maħluqa minn imħuħ materjalistiċi? Dan ma jurix li r-reliġjon twassal messaġġi ta' paċi u sigurtà filwaqt li n-nuqqas tagħha teqred il-paċi fid-dinja? Fl-Ewropa, fil-Punent u fid-dinja kollha, il-paċi titwaqqaf biss permezz tar-reliġjon.

Ir-reliġjon u t-tħaddim tagħha qatt ma wasslu għall-gwerra u għall-vjolenza. Lanqas eżempju wieħed ma nistgħu nsemmu fejn seta' seħħ dan. Naċċettaw li nħolqu gwerer f'isem ir-reliġjon imma dan kien riżultat tal-abbandun tal-fidi u għaliex twarrab it-tagħlim tagħha. Il-gwerer li seħħu għat-twaqqif tal-paċi ma nistgħux nikkundannawhom; anzi pjuttost li rridu neżaltawhom. F'kull epoka, komunitajiet ċkejkna, li kienu jikkonsistu biss f'għadd żgħir ta' nies, ħadu r-riedni f'idejhom u bla ebda riserva ssieltu kontra l-aktar armati setgħana. L-uniku skop tagħhom kien li jistabbilixxu l-paċi u li jsalvaw l-imjassra minn taħt il-ħruxijiet tal-għadu.

Il-kritiċi għandhom jikkunsidraw dawn il-mistoqsijiet li ġejjin: jekk ftit nies immexxija mill-egoiżmu tagħhom itebbgħu l-isem tar-reliġjon bl-għemil inġust tagħhom, dan ifisser li wieħed għandu jwarrab ir-reliġjon? Wara kollox, il-gwerer isiru wkoll għal raġunijiet materjalistiċi. Dan ifisser li rridu nabbandunaw din id-dinja?

## IT-TIELET MISTOQSIJA:

Hemm ħtieġa għar-reliġjon f'din l-epoka moderna?

## TWEĠIBA:

Għalkemm in-nies f'kull żmien kellhom bżonn tar-reliġjon, madanakollu fl-opinjoni tiegħi, qatt ma nħasset il-ħtieġa għaliha daqskemm tinħass illum il-ġurnata. L-għan ewlieni u essenzjali tar-reliġjon huwa li jiggwida lill-bniedem biex isir qaddej u xbieha ta' Alla. L-attributi ta' Alla għandhom ikunu l-istandard tal-valuri morali tagħna u għandhom ikunu assimilati f'kull aspett tal-ħajja tagħna. Is-sitwazzjoni tad-dinja llum mhijiex mistura għan-nies intelliġenti u għaqlin. Mhux biss l-attributi u l-virtujiet ta' Alla huma injorati, iżda anki l-vera eżistenza Tiegħu hija miċħuda. Il-ħtieġa għal, u t-tagħlim glorjuż tar-reliġjon huma mwarrba minn dawk li jixtiequ lill-bniedem isegwi biss il-qerq tal-moħħ uman.

Dak li n-natura umana ilha tfittex minn żmien żemżem ma jinstab imkien illum fid-dinja. In-nies tal-lum il-ġurnata jqisu l-ħiliet intellettwali tagħhom bħala l-kejl għall-virtù. Ir-riżultat aħħari huwa evidentement ċar. Imġiba promiskwa hija stmata, bħala nobbli u kolta. L-eżistenza ta' komunitajiet ta' nudisti u l-għajnuna mogħtija lil dawk in-nies li jkollhom it-tfal barra ż-żwieġ huma meqjusa minn uħud bħala karatteristiċi ta' kwalità għolja taċ-ċivilizzazzjoni u l-moralità. U mbagħad hemm gvernijiet li jaħsbu li huwa leġittimu li jiksbu bil-forza l-frott ta' oħrajn, u b'hekk iżommu l-popli tagħhom fi kważi skjavitù. Meta l-kbar u ż-żgħar ikunu niżlu f'livelli daqshekk baxxi tal-moralità, meta l-immoralità titqies bħala virtù u meta t-trasgressjoni tiddaqqas mal-ġustizzja – hemmhekk meta l-ħtieġa għar-reliġjon tkun tinħass l-aktar.

Illum il-ġurnata, kull nazzjon u kull individwu jixxennaq għall-paċi u t-trankwillità f'din il-ħajja. Iżda nazzjonijiet li jiċħdu r-reliġjon u jqisu r-raġunar uman bħala l-uniku gwida tagħhom qed jixhdu li din il-gwida qerdet nazzjonijiet sħaħ, ħalliet pajjiżi sħaħ f'miżerja kbira u bidlet l-ibliet f'rovini. Meta gvern dgħajjef jipprova jagħmel paċi ma' gvern aktar b'saħħtu minnu, il-gvernijiet setgħana u rebbieħa jinsistu li l-gvern megħlub irid iċedi bla kundizzjoni. Ma jiqfux u jaħsbu li kieku kienu huma l-parti megħluba, ma kinux ikunu jridu li jċedu bla kundizzjoni. Jekk iċ-ċirkustanzi jwasslu biex pajjiż jitlef illum, ma jistax ikun li dak il-pajjiż ikun rebbieħ għada? U mhuwiex possibbli li n-nazzjon rebbieħ tal-lum ikun il-pajjiż tellief ta' għada?

Billi mhumiex konxji tat-tlugħ u l-inżul tal-fortuni umani, jonqsu milli jintebħu li la n-nhar u lanqas il-lejl ma jtulu għal dejjem. Min kien kapaċi jiċċekkja dwar il-marċ tar-rivoluzzjoni?

Huwa possibbli ħafna li rivoluzzjoni futura tixħet lit-telliefa fis-setgħa. Il-liġijiet oppressivi li jingħoġbu mill-gvernijiet b'saħħithom jistgħu għada pitgħada jsiru l-ħabel m'għonqhom stess, biss b'ħafna aktar ħruxija. Kieku wieħed iżomm din l-eventwalità quddiem għajnejh u kieku jżomm f'moħħu l-interessi nazzjonali u l-interessi personali tiegħu, kieku l-istinti tiegħu se jiffavorixxu din il-ħakma politika oppressiva u liġijiet distruttivi? Għall-kuntrarju, wieħed jibda jobgħodhom u jistkerrahhom u jibda jara kif se jeħles minnhom. Xejn ma jibqa' l-istess għal dejjem. Għalhekk, fil-waqt tar-rebħa, ir-rebbieħa għandhom juru ħniena mat-telliefa, u din hija l-aktar ħaġa naturali li wieħed għandu jagħmel.

Meta wieħed jittratta lill-oħrajn b'aggressività u krudeltà wieħed ikun qisu qed jistieden il-qerda tiegħu stess. Li n-nazzjonijiet trijonfanti jaċċettaw it-termini ta' paċi offruti mill-pajjiżi telliefa hija l-inqas ħaġa li jistgħu jagħmlu. It-tagħlim Koraniku f'dan ir-rigward huwa mimli għerf u jwassal għat-twaqqif tal-paċi, jiġifieri, jekk l-għadu jkun lest li jagħmel paċi miegħek inti trid tagħmel l-istess.

Persuna onesta u moħħha f'postha li tkun qed tirrifletti dwar it-twaqqif tal-paċi fid-dinja jkollha, fl-aħħar nett, taqbel

mal-prinċipji proposti mit-tagħlim divin, jiġifieri, jekk naħa toħroġ idha favur il-paċi huwa xieraq li n-naħa l-oħra għandha tirreċiproka bla ebda titubanza. Li tħalli gwerra għaddejja wara li tkun diġà saret offerta għall-paċi mhi xejn ħlief vendetta u xejn iżjed. Azzjonijiet bħal dawn ma jaqblu mal-ebda strateġija sensibbli jew ma' raġunar diċenti.

Sakemm ir-rabja tagħhom ma tiġix ikkontrollata, l-annimali slavaġ ma jiqfux milli jattakkaw u jeqirdu lil oħrajn. U dan hu eżattament dak li jagħmlu dawn il-bnedmin vendikattivi. Il-gwerer tagħhom ma jseħħux biex jistabbilixxu l-paċi jew irażżnu d-diżordni. Le, l-għan ewlieni tagħhom huwa li jużaw l-abbundanza li jkollhom ta' armi biex jikkonkwistaw il-pajjiż ta' dak il-gvern dgħajjef. Sakemm il-provvista ta' armi ma tispiċċax, il-gwerra tibqa' għaddejja.

Dan il-mod ta' raġunar m'għandux bżonn ta' rettifika? Jekk m'għandux bżonn ta' rettifika, mela dan ma jikkonfermax li attitudnijiet bħal dawn iwasslu għall-gwerer u d-diżordni? Min ħoloq il-gwerra u d-diżordni, ir-reliġjon jew l-intellett uman? Il-Gwerer Dinjin ħallew lid-dinja f'qerda totali. Id-dittaturi u l-mexxejja intellettwali warrbu fil-ġenb lir-reliġjon u qerdu lid-dinja kollha bil-fjammi tal-gwerra. Dawn il-fjammi li dejjem jiżdiedu jaħkmu lill-pjaneta bħall-fjuwil u jbiddluha fi rmied. Dawk li jafdaw ħafna fl-intellett uman suppost li s'issa rrealizzaw li hija l-aljenazzjoni mir-reliġjon li wasslitna f'din is-sitwazzjoni mwiegħra.

Quddiem dawn id-diżastri u t-tbatijiet mhuwiex faċli għal persuna għaqlija biex tasserixxi l-vera għeruq tal-paċi fid-dinja? Hija daqshekk diffiċli biex wieħed jara d-differenzi bejn ir-riżultat meta wieħed isegwi l-intellett uman u r-riżultat meta wieħed iħaddan ir-reliġjon bħala gwida? Ir-riżultati qegħdin hemm quddiem għajnejna. Għaldaqstant, dan iż-żmien li qegħdin ngħixu fih huwa l-aqwa perjodu fejn wieħed jista' jara ċar u tond in-nuqqasijiet tal-intellett uman u l-benefiċċji tar-reliġjon. Imbierka huma dawk li jippruvaw jifhmu din id-differenza ċara u evidenti u għalhekk iħossu l-ħtieġa għar-reliġjon.

## IR-RABA' MISTOQSIJA:

Liema direzzjoni taw il-mexxejja reliġjużi tal-imgħoddi lid-dinja?

## TWEĠIBA:

Il-missjonijiet tal-Profeti u l-Messaġġiera ta' Alla kienu dejjem konformi mal-bżonnijiet u l-kundizzjonijiet ta' dak iż-żmien. Kull Profeta u kull Messaġġier iqiegħed il-pedamenti ta' reliġjon ġdida taħt il-gwida ta' viżjonijiet u rivelazzjonijiet divini. Bit-tagħlim reliġjuż, kull Profeta u Messaġġier joħloq bilanċ fit-twemmin, fl-għemejjel u fil-valuri tas-segwaċi tiegħu; il-morali u l-imġiba tiegħu jridu jkunu eżemplari. Huwa jneħħi l-eċċessi u n-nuqqasijiet u

jwaqqaf il-komunità tiegħu fit-triq tal-moderazzjoni.

Il-ħmieġ tal-idolatrija u tal-irriverenza jitneħħa xi ftit bl-eżempju sabiħ li tagħti l-komunità reliġjuża u xi ftit bil-korla ta' Alla li teqred lill-idolatri. B'hekk l-art issir safja u nadifa. F'epoki u żminijiet imgħoddija, is-segwaċi ta' kull Profeta u kull Messaġġier kisbu, bis-saħħa tar-reliġjon, l-aħjar ta' din id-dinja u ta' warajha. Huma gawdew is-sliem filwaqt li l-avversarji tar-reliġjon vera u tat-tagħlim divin dejjem daqu l-frott morr tal-oppożizzjoni tagħhom. Apparti l-kastig divin, il-qerda, id-deżolazzjoni u r-rovina, huma ma kisbu xejn. Huma stess inqerdu u wasslu lil oħrajn biex jinqerdu wkoll. Dan jixhed ir-riżultat tat-tmexxija tal-Profeti u l-Messaġġiera tal-imgħoddi. Juri wkoll ir-riżultat miksub mid-dittaturi u r-rivali tal-Profeti u l-Messaġġiera. Il-Koran isemmi d-dittatura tal-Faragħuni u d-demokrazija tal-poplu ta' Thamud bħala eżempji tat-tmiem infeliċi ta' dawk li ħaduha kontra r-reliġjon.

Fil-verità, ħajja komda twassal biex wieħed ikollu t-tendenza li jipprova jissodisfa x-xewqat tiegħu stess, u dan iwassal biex wieħed iħabrek ħalli jeħles mid-dixxiplina li tiġi imposta mill-prinċipji tar-reliġjon. Dan juri għala matul il-missjoni ta' kull Profeta u kull Messaġġier in-nies tad-dinja jqisu l-istituzzjoni tar-reliġjon bħala theddida għal-libertà u x-xewqat naturali tagħhom u b'hekk isiru l-għedewwa maħlufa tagħha. Huma jsegwu r-reliġjon b'vendetta, deċiżi li jeqirduha. Is-sitwazzjoni tixbah lil dik ta' ħallelin, briganti u vagabondi fuq naħa u s-sistema

governattiva fuq oħra. Il-gvern ikollu l-mira li jżomm il-paċi u s-sigurtà permezz tal-leġiżlazzjoni, filwaqt li l-ħallelin, il-briganti u l-vagabondi ma jkunux iridu li l-gvern joħloq politika u proċeduri għall-protezzjoni tan-nies, għax dawn iwasslu biex isiru liġijiet li jfixklu l-attivitajiet tagħhom. Dan juri għala l-personalitajiet qarrieqa ta' dawn il-briganti ma jistgħux jipperċepixxu dak li hu virtù u l-vera tifsira tal-ħajja umana. Dik in-nobbiltà tinkiseb biss permezz tar-reliġjon u t-tagħlim divin.

Tagħlim reliġjuż ġenwin imwassal lid-dinja permezz tar-rivelazzjoni divina jitfa' lill-bniedem fl-oċean vast tal-ispiritwalità. It-tagħlim jgħinu jbaħħar f'dan l-oċean donnu għawwiem espert. Huwa jitħaddet m'Alla u jitqarreb lejH. Din hi ħaġa li n-nies tad-dinja ma jistgħux jifhmuha. Id-dittaturi u l-hekk imsejħa mexxejja setgħana u dawk li jfettqu fuq ir-reliġjon ma jistgħux, sa fejn jirrigwardaw l-argumenti sinċiera u l-ispirtu tas-sagrifiċċju, jikkompetu ma' dan it-tagħlim.

Huwa faċli li tqarraq bin-nies materjalistiċi bl-opinjonijiet żbaljati u mondani tal-filosfi. B'kuntrast, il-Messaġġiera u l-Profeti jaqsmu l-baħħ u d-deżerti tad-disperazzjoni, megħjuna biss bis-setgħat qaddisa u l-gwida divina tagħhom. Imbagħad, bl-aħbarijiet tajba mwassla lilhom minn Alla, il-Profeti u l-Messaġġiera u s-segwaċi tagħhom jilħqu d-destinazzjoni tar-rebħa. Tista' tinstab xi ħaġa bħal din qalb in-nies tad-dinja?

It-tagħlim divin esponut mill-Messaġġiera u l-Profeti ta' Alla jispjega sewwa d-drittijiet dovuti 'l Alla u d-drittijiet dovuti lill-qaddejja Tiegħu. Fi kliem ieħor, il-kunċetti ta' riverenza lejn il-liġi divina u l-ġentilezza lejn il-ħolqien ta' Alla huma mfissra sewwa.

It-tagħlim Iżlamiku huwa ppreżentat b'ħafna glorja permezz tal-karattru u l-imġiba tal-Profeta[sa] tal-Iżlam. Barra l-jeddijiet umani, l-Iżlam jgħallimna ngħożżu l-annimali u kull ħaġa oħra ħajja. Is-segwaċi tal-Iżlam juru ħniena ma' dawk fil-bżonn, l-iltiema u l-ħabsin li minħabba n-nuqqas ta' riżorsi jsibu ruħhom bil-ġuħ sempliċement għaliex huma ħolqien ta' Alla. Il-Musulmani jitimgħuhom b'dak kollu li jkollhom għad-dispożizzjoni tagħhom. U barra l-bnedmin, huma jieħdu ħsieb lil dawk l-annimali li mhumiex kapaċi juru l-bżonnijiet tagħhom. Skont l-Iżlam, huwa essenzjali għall-Musulmani li jqisu l-kategoriji kollha ta' bnedmin imsemmija hawn fuq, kif ukoll l-annimali, bħala azzjonisti leġittimi fl-assi tagħhom. B'hekk huma mistennija li jwettqu d-dmirijiet tagħhom f'dan ir-rigward.

Inċident imniżżel f'*Sahih Bukhari* juri biċ-ċar dan it-tagħlim. Waħda mara tat ftit ilma lil kelb bil-għatx. L-ilma ħaditu minn ġo bir. Dan l-aġir tagħha tant kien apprezzat mill-Benefattur u l-Ħallieq tagħha li din l-azzjoni partikolari saret is-sors tas-suċċess u l-maħfra tagħha.

L-Iżlam ma jippermettix lill-Musulmani li jkunu aggressivi u krudili ma' bnedmin oħra. Lanqas ma jippermetti li huma juru kattiverja mal-annimali u affarijiet oħra ħajjin. *Sahih Bukhari* jirrakkonta inċident ieħor fejn waħda mara żammet qattusa maqfula fi spazju ristrett. Ma kinitx titmagħha biżżejjed u fil-fatt il-qattusa mietet bil-ġuħ u bil-għatx. Alla wera d-dispjaċir tiegħu għal din il-krudeltà li saret ma' maħluqa Tiegħu. Huwa kkastiga l-mara u ordna li din tintbagħat l-Infern bħala konsegwenza għar-reat tagħha.

Dan huwa t-tagħlim perfett, sħiħ, u komprensiv li twassal lid-dinja mill-Messaġġiera u l-Profeti. Dittaturi krudili u mexxejja tiranniċi jaħsbu biss fl-interessi tagħhom, li jqimu lilhom infushom u li jaqtgħu x-xewqat egoistiċi tagħhom. L-ideali tagħhom jaslu biss sal-imħabba tal-foħrija u t-tkabbir tal-poter tagħhom stess. Għalhekk kif jistgħu jifhmu t-tip ta' komunitajiet nobbli u reliġjonijiet ġenwini li jinbtu mit-tagħlim divin?

Aħna nitolbu li Alla jiftaħ l-għajnejn tan-nies tal-lum ħalli jintebħu bil-ħtieġa tar-reliġjon, u meta jħaddnu r-reliġjon vera jkunu qed jiksbu l-imħabba ta' Alla.

**“The Need for Religion and its Importance.”** This is a Maltese translation of an article entitled, ‘*Four Important Questions about Religion and the Answers thereto*’, written by Hazrat Maulana Ghulam Rasul Rajeki[ra], taken from *The Review of Religions*, November 2009.

**www.ahmadiyya.mt**

9 789995 759322